MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 1/2005

**Publius Grech**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fit-30 ta' Novembru, 2004, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Decizjoni appellata:-

*'B' referenza ghat-talba tieghek ghall-pensjoni taz-zewg terzi ghandi ngharrfek li l-hlas ta' dan il-beneficcju gie awtorizzat bir-rata ta' Lm47.16 fil-gimgha mill-10.01.2004.'*

L-appell:-

*‘Please refer to the attached ‘Notice of Pension’ wherein you informed me that my pension be Lm47.16 per week as from 10.01.04.*

*It seems that the provisions of section 61 of the Social Security Act have not been applied in my case, and therefore I am hereby contesting the said decision. This is being done for the following reasons;*

*1 I had been assured by a Senior Treasury Official - way back in 1995, and confirmed to me some weeks ago - that the provisions of Section 61 were meant to specifically apply cases similar to mine.*
*2 Language experts have confirmed to me that, as the wording of the Section stands, any person who is entitled only to a Service Pension is to benefit from the provisions of this Section.*
*3 They have also confirmed to me that for a different interpretation, the second part of the Section should read” ......... Where the person concerned is also entitled to a Service Pension ….”*
*4 The attached exposition (in Maltese) helps to explain the correct interpretation of this Section.*

*Furthermore, I am hereby also contesting the validity of Section 56 regarding my rights to a Service Pension to the full two-thirds pension, together with the discrimination that the provisions of this Section make between the holders of Service Pension’.*

Risposta tad-Direttur:-

*‘The Director submits that appellant’s claim for a Retirement Pension was not and could not be considered under Section 61 - “Persons in receipt of a pension in respect of invalidity” as appellant was at no time in receipt of an Invalidity Pension under Section 26 of the Social Security Act of 1987.*

*With reference to the last paragraph of appellant’s letter of appeal the Director cannot be drawn into a debate as to*

*the validity of Section 56 or to whether its provisions are discriminatory in nature or not.'*

Nota responsiva ta' l-appellant:-

*'Jiena ma naqbilx mar-risposta tad-Direttur tas-Sigurta Socjali ghal dawn ir-ragunijiet;*

*Il-punt li jaghmel id-Direttur fir-risposta tieghu huwa li d-domanda ta' l-appellant ghall- 'Retirement Pension' ma ghandhiex tintlaqa' billi huwa qatt ma kien intitolat li jircevi pensjoni ta' invalidita taht l-artikolu 26 ta' l-Att dwar is-Sigurta` Socjali ta' l-1987 u ghalhekk ma setghax ikun intitolat taht l-artikolu 61 ta' l-Att li jitkellem dwar persuni ghall-invalidita. Inoltre d-Direttur jafferma li ma jistax jigi mdahhal f' kontroversja dwar il-validita ta' l-artikolu 56. Illi l-esponent jissottometti li huwa kien gie specifikatament mgharraf minn ufficjal anzjan tat-Tezor li l-artikolu 61 kien intiz biex japplika ghall-kazijiet bhal tieghu, u cioe li persuni li jkunu qieghdin jircevu pensjoni tas-servizz minghajr ma jkunu ghaddew bord taht l-Att ma jkunux skwalifikati milli jircevu l-pensjoni shiha. Il-kwistjoni kollha ddur dwar l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-artikolu 61 tal-ligi. Dak l-artikolu fl-alternattiv u ghalhekk ghandu jigi interpretat b' mod li dak l-alternattiv jinghata piz shih tieghu. Il-kliem fil-margini tal-ligi ma jistghu jintuzaw bhala ghajnuna ghall-interpretazzjoni billi l-ligi trid tigi interpretata skond is-sens naturali tal-kliem uzati fil-paragrafu operattiv. Inoltre l-interpretazzjoni trid dejjem issir fl-isfond tal-problemi li dik id-disposizzjoni tkun intiza biex tfejjaq. Huwa evidenti li dik l-emenda saret fid-dawl tal-politika socjali li kien qieghed jadotta l-Gvern tal-gurnata u kienet intiza biex tnehhi kull forma ta' diskriminazzjoni fil-konfront ta' nies li jkun intitolati ghall-pensjoni tas-servizz. Qieghed nehmez ma' din ir-risposta nota li turi kif gramatikalment ghandha tigi kostruwita is-sentenza tal-ligi. Meta wiehed jaghmel dan jidher car li l-ligi qieghed tikkontempla zewg ipotesija, u cioe' l-ewwel wahda li tikkoncerna persuni li kienu intitolati ghall-pensjoni taht l-artikolu 26 t-tieni wahda dwar persuni li kienu intitolati ghall-pensjoni tas-Servizz. Hija din it-tieni*

*ipotesi li tapplika ghall-kaz tieghi u li kellha u messa giet korrettement applikata mid-direttur.*

*Fir-rigward ta' l-artikolu 56 din tikkrea diskriminazzjoni bejn dawk il-persuni li jkunu kkomuttaw il-pensjoni tas-Servizz taghhom u dawk li ma jkunux. Din id-diskriminazzjoni ma hix wahda bazata fuq xi kriterju ragonevoli jew gust. Inoltre tippriva lili mill-beneficcji kollu ta' dak li jiena hallast ghalih. Il-Pensjoni tas-servizz kienet tieghi bi dritt u ma ghadniex nigi diskriminat fit-titolu tieghi ghall-pensjoni skond il-ligi semplicement minhabba il-fatt li jiena qieghed nircevi pensjoni tas-Servizz bi dritt. Il-pensjoni taht il-ligi kienet hija wahda kontributorja u ghalhekk jiena ghandi dritt li nircevi dak li jiena nkun hallast ghalih. Tali diskriminazzjoni hija in vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu kif protetti mill-artikolu 14 u l-artikolu 1 ta' l-ewwel protocol tal-konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.*

*Il-punt ta' ligi jew principju ta' mportanza li fuqu tressaq l-appell tieghu huma:*

*U cioe precisament dak li ghadni kif semmejt fuq, l-interpretazzjoni zbaljata ta' l-artikolu 61 ta' l-Att u l-effett diskriminatorju fir-rigward tieghi ta' l-artikolu 56. Inoltre l-fatt li jiena qieghed nsofri vjolazzjoni tad-drittjjiet fondamentali tieghi tqajjem principju ta' mportanza apparti l-fatt li dan jkun applikabbili ghal dawk li jkunu jinsabu fil-posizzjoni tieghi.'*

L-Arbitru ezamina wkoll in-noti ta' osservazzjonijiet skambjati bejn il-partijiet.

L-ewwelnett ghandu jinghad illi l-aggravji ta' l-appellant fir-rigward tal-validita` o meno ta' l-Artikolu 56 ta' l-Att dwar is-Sigurta Socjali ma jistghux jigu ventilati quddiem l-Arbitru izda quddiem il-Qorti kompetenti. Ghaldaqstant l-Arbitru jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-imsemmi aggravju.

Fir-rigward tal-mertu jirrizulta li d-dhul pensjonabbli ta' l-appellant huwa ta' Lm5949.67. L-appellant jippercepixxi

wkoll pensjoni tas-servizz izda jsostni li ghandu jkun intitolat ghar-rata shiha ta' zewg terzi ta' Lm5949.67.

L-Artikolu 56 ta' l-Att jipprovdi illi:-

*'Meta persuna jkollha dritt ghal Pensjoni tas-Servizz, li hija jew li tkun giet kommutata, f' xi zmien, ghal kollox jew f' parti, li ma tkunx Pensjoni tas-Servizz li giet kommutata, f' xi zmien, kollha, kull pensjoni li wiehed jasal ghaliha skond Id-dispozizzjonijiet ta' l-artikoli 53 sa 55 ta' din it-Taqsima ghandha titnaqqas bl-ammont ta' dik il-Pensjoni tas-Servizz.'*

Isegwi ghalhekk illi dak li qed jitlob l-appellant imur kontra d-dispost espress tal-ligi. Sakemm il-ligi ghadha in vigore trid tigi applikata fit-termini espressi taghha.

Ghaldaqstant l-Arbitru jichad dan l-appell."

Minn din is-sentenza appella r-rikorenti Publius Grech. Il-kontestazzjoni tieghu hi fundamentalment din. L-Artikolu 56 ta' l-Att dwar is-Sigurta` Socjali ma kellux jigi applikat izolatament mill-Artikolu 61 ta' l-istess Att;

L-aggravju dedott huwa wiehed predominantement legali. L-aspett tal-vertenza jikkoncerna l-interpretazzjoni li trid tinghata lil certi disposizzjonijiet ta' l-Att imsemmi. L-interpretazzjoni moghtija mid-Direttur appellat, u accettata mill-Arbitru, hi dik li l-komputazzjoni tal-pensjoni ta' l-appellant hi regolata bit-Tlettax-il Skeda ta' l-Att, ghal liema jirreferi l-Artikolu 56. Dan jissottometti illi biex japplika l-Artikolu 61 ghal kaz ried li l-appellant ikun diga` qed jibbenefika minn pensjoni ta' l-invalidita` u gjaladarba l-appellant kien impjegat ma kienx qed jircievi tali pensjoni ta' l-invalidita`. Minn naha tieghu l-appellant jikkontendi illi l-Artikolu 61 kien qed jikkontempla zewg ipotesijiet u wahda minnhom kienet tghodd ghal kaz tieghu b' mod li allura l-pensjoni tieghu trid tinhadem fuq il-paga jew salarju li kien "ippegjat" mieghu;

Ma jidherx li l-fatti tal-kaz huma in kontestazzjoni. L-appellant kien intitolat ghall-pensjoni tas-Servizz. Meta applika ghall-pensjoni taht is-Sigurta` Socjali din giet mid-Direttur kalkolata fl-ambitu ta' l-Artikolu 56. M' hemmx kwestjoni fuq il-komputazzjoni a norma ta' dan l-artikolu izda l-appellant hass li l-ligi giet interpretata hazin;

Jibda biex jigi registrat b' introduzzjoni preliminari illi ghal dik li hi d-dixxiplina interpretativa, valevoli ghas-setturi kollha tad-dritt, il-ghan ta' l-interpretazzjoni huwa d-determinazzjoni tal-volonta` tal-legislatur in kwantu nkorporata fit-test tad-disposizzjonijiet. Jezistu diversi kriterji interpretativi biex tigi individwata din il-volonta`, l-ewwel fosthom dik letterali konsistenti fid-determinazzjoni tat-tifsira tal-kliem in bazi ghal valur semantiku taghhom skond l-uzu lingwistiku generali. Certi kummentaturi bhal **Trabucchi** ("Istituto di diritto civile", 41, ret. 1) jiddistingwu f' dan il-kriterju zewg fazijiet, (i) dik lessikali u (ii) dik grammatikali, relattivi, il-wahda, ghas-sinifikat tal-kelma "*in se*" u l-ohra ghas-sinifikat li din il-kelma tassumi fil-kunest tal-proposizzjoni normattiva skond ir-regoli grammatikali u sintattici. Naturalment f' kaz bhal dan hi dejjem ippreferuta l-interpretazzjoni logika li l-aktar tikkorrispondi ghar-rabta tas-sinjifikati rizultanti mid-diversi partijiet ta' l-istess disposizzjoni jew tad-diversi disposizzjonijiet tal-ligi, intiz dan bhala kumpless dotat minn sens organiku u intelligibbli dirett ghal certu skop;

Ferma din l-introduzzjoni, jokkorri li jigi registrat ukoll dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet "**Emmanuele Micallef -vs- Vincent Scerri**", 15 ta' Mejju 1953 (**Kollez. Vol. XXXVII P I p 176**), u cjoe "billi hija regola ta' interpretazzjoni li ebda ligi ma ghandha titqies kontradittorja fiha nnifsiha, meta jkun hemm dubju fuq hekk, huwa kompitu tal-gudikant li jindaga u jinterpreta s-sens skond l-intenzjoni tal-legislatur u b' quddiem ghajnejh ir-ragunijiet li gieghlu lil-legislatur jiddetta l-ligi. Il-gudikant ghalhekk ghandu jirrikorri ghall-*mens legis* biex

jaghti dik l-interpretazzjoni li tikkorrispondi ghall-ispirtu informatur tal-ligi";

Issa ghall-appellanti l-principju regolatur in materja huwa d-dispost ta' l-Artikolu 61 tal-Kapitolu 318. Dan hekk jipprovdi:-

"Id-dhul pensjonabbli ta' persuna li ssir intitolata ghal Pensjoni ta' Zewg Terzi taht din it-Taqsima u li immedjatament qabel ma ssir hekk intitolata kienet qed tircievi pensjoni taht l-Artikolu 26 ta' dan l-Att, ghandu jkun dak imsemmi fit-Tlettax-il Skeda li tinsab ma' dan l-Att jew, meta l-persuna koncernata tkun intitolata ghal Pensjoni tas-Servizz, il-paga jew is-salarju korrenti tal-kariga li fuqu gie bbazzat l-ghoti tal-Pensjoni tas-Servizz tieghu, liema jkun l-oghla; u ghal dan il-ghan 'il-paga jew is-salarju korrenti' ghandhom jittiehdu li jkunu dawk korrenti fl-ewwel Sibt tas-sena li dwarha jkun dovut xi hlas taht dan l-artikolu";

L-Artikolu 26 precitat fl-imsemmi dispost jirreferi ghall-pensjonijiet ghal Invalidita`;

Fis-sottomissjonijiet *in iscritto* quddiem l-Arbitru, l-appellanti jaghti lill-artikolu appena riportat din l-interpretazzjoni. Fil-fehma tieghu dan l-Artikolu jipprovdi zewg ipotesijiet u cjoe l-ewwel wahda tikkoncerna persuni li kienu intitolati ghall-pensjoni taht l-Artikolu 26 u t-tieni wahda tirrigwarda persuni li kienu intitolati ghall-Pensjoni tas-Servizz. Huwa jghid li l-kaz tieghu haqqu jigi kazellat taht din it-tieni ipotesi;

Huwa pacifikament ricevut illi l-ligi ghandha tkun konsona mar-raguni u ma jidherx ragonevoli li din il-Qorti taccetta bhala argoment guridikament validu dak sottomess mill-appellanti. Wiehed jifhem illi l-interpretazzjoni sostenuta mill-appellanti hi estrikata mit-tifsira li huwa jponi fuq is-sinifikat tal-preposizzjoni "jew" fit-test tal-ligi u li allura skond hu tikkreja ipotesijiet alternattivi;

Intqal fis-sentenza fl-ismijiet “**Victor F. Denaro *nomine* -vs- Onor. Emanuel Tabone *nomine et***”, Appell Civili, 12 ta’ Jannar 1957 (**Kollez. Vol. XLI P I p 39**) illi “l-kelma maltija ‘jew’, migjuba bl-ingliz ‘or’, *prima facie* hija kelma alternattivia jew dizguntiva, u kif giet uzata l-ahhar mill-Qorti hija nterpretattiva u esposizittiva tal-kelma antecedenti; liema sinifikat gie li tassumi”;

Kif taraha din il-Qorti fil-kaz in ispecje l-kelma “jew” fit-test tal-ligi ma jistax ikollha l-effett naturali dizguntiv billi fl-Artikolu 61 in diskussjoni l-legislatur ma kienx qieghed jipprezenta ipotezijiet differenti. Il-Qorti tasal ghal din l-interpretazzjoni minn ezami tal-kuntest generali tad-disposizzjoni, senjatament il-fatt illi fejn il-ligi tuza l-kliem “l-persuna konceranta” tali persuna ma tistax tkun ghajr il-persuna li tkun qed tibbenefika minn pensjoni ta’ l-invalidita`, u ghal liema tirreferi l-ewwel parti ta’ l-istess disposizzjoni. Una volta jinsab dedott bhala fatt illi l-appellant ma kienx persuna li kienet diga` qed tircievi pensjoni bhal din, l-Artikolu 61 ma jidholx in operazzjoni fil-kaz tieghu;

Hekk kjarita l-intenzjoni tal-legislatur, inversament fil-fattispeci jiccentra d-dispost ta’ l-Artikolu 56 li jipprovdi li “meta persuna jkollha dirtt ghal Pensjoni tas-Servizz, li ma tkunx Pensjoni tas-Servizz li giet kommutata, f’ xi zmien, kollha, kull pensjoni li wiehed jasal ghaliha skond id-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 53 sa 55 ta’ din it-Taqsima ghandha titnaqqas bl-ammont ta’ dik il-Pensjoni tas-Servizz”;

Fil-hsieb tal-Qorti d-Direttur sew ikkazella l-kaz ta’ l-appellanti u korrettement wasal ghal komputazzjoni bazata fuq d-dispost appena riprodott, li, del resto, ghal dik li hi l-matematika ma gietx ikkontestata;

Rigwardata minn din l-ottika ma jistax ragonevolemnt jinghad li biex wasal ghad-decizjoni tieghu l-Arbitru adopera xi kriterji interpretattivi skorretti tal-ligi;

Fl-ahharnett ghandu jinghad illi l-applikazzjoni u nterpretazzjoni ta' l-Artikolu 56 ghal kaz ta' l-Appellanti ma jistax, u m' ghandux, bl-ebda tigbid ta' l-immaginazzjoni, fertili kemm hi fertili, jitqies ghal din ir-raguni diskriminatorju fil-konfront ta' l-appellant. Jekk minn naha l-ohra l-appellant jidhirlu li dan l-istess dispost hu kostituzzjonalment vjolattiv tad-drittijiet tieghu huwa ghandu jindirizza din il-lanjanza tieghu fil-foro proprju.

Ghal dawn il-motivi u in bazi ghar-riljevi fuq maghmula, din il-Qorti qed tichad l-appell interpost u b' hekk tikkonferma s-sentenza appellata. Fic-cirkostanzi specjali ta' dan il-kaz huwa xieraq li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------